MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## CHARMAINE GALEA

Seduta tas-27 ta' Awwissu, 2014

Avviz Numru. 291/2014

**Fl-Atti tal-Mandat ta' Qbid Ezekuttiv bin-Numru 1519/2014**

**Fl-ismijiet:**

**James Saliba (ID 76483M)**

**Vs**

**Ephraim Bezzina (ID 218491M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ipprezentat minn Frankie u Maria Carmela Bezzina fir-Registru ta' din il-Qorti nhar l-1 ta' Awissu 2014 fejn ippremettew is-segwenti:-

*"Illi sussegwentement ghall-hrug tal-mandat ta' qbid ezekuttiv kif debitament awtorizzat huwa gie biex jigi ezegwit fid-dar u residenza matrimonjali taghhom 13, Frank Mar, Triq Leonardu Abela, Tarxien.*

*Illi fid-dar imsemmija l-oggetti kollha jappartjenu lilhom u Ephraim Bezzina binhom ma ghandu xejn li huwa tieghu hemm.*

*Ghaldaqstant l-esponenti umilment jitolbu li din l-Qorti ai termini tal-ligi tirrevoka l-esekuzzjoni tal-imsemmi mandat fuq l-oggetti appartenti lilhom ai termini tal-ligi."*

Rat id-digriet tal-4 t'Awissu 2014 fejn il-Qorti ordnat in-notifika tar-rikors lill-intimat b'ghaxart (10) ijiem zmien ghar-risposta u appuntat l-istess rikors ghas-smigh ghas-seduta tal-25 ta' Awissu, 2014;

Rat ir-risposta tal-intimat James Saliba ipprezentata fit-18 ta' Awissu 2014 fejn eccepixxa s-segwenti:-

"

1. *Illi r-rikors promotorju huwa rritu u null mhux biss ghax lanqas biss giet ipprezentata kopja tal-Mandat ta' Qbid attakkat u l-ezekuzzjoni tieghu izda ghax ma jikkontenjiex "is-sottomissjonijiet kollha li tista' tkun tixtieq taghmel flimkien mad-*dokumenti *kollha li jsostnu r-Rikors" rekwiziti li huma rikjesti "ad validitatem" ghax minghajrhom l-esponent ma jistax jipprezenta "risposta li jkun fiha s-*sottomissjonijiet *kollha li tista' tkun tixtieq taghmel".*

2. *Illi bla pregudizzju ghall-premess il-procedura adoperata mir-rikorrenti l-konjugi Bezzina m'hijiex il-procedura idonea biex huma jattakkaw l-ezekuzzjoni tal-Mandat ta' Qbid imsemmi.*

3. *Illi fi kwalunkwe kaz u fil-mertu jinghad illi llum huwa evidenti illi Ephraim Saliba "hadem" lill-esponent biex javvanzalu l-flus kontra diversi promessi fosthom dawk li ghandu impjieg fiss, li ser jiehu facilita` bankarja, li kien wiret xi flus u li kien qed jistenna lill-genituri tieghu jghaddulu dawn il-flus u finalment dik ta' restituzzjoni sal-15 ta' April 2014. B'dawn il-kliem fierah l-esponent, b'hafna sagrificcji, silef il-flus lil Ephraim Bezzina. Fuq il-kuntratt relattiv id-debitur Ephraim Bezzina ipprezenta l-*

*karta tal-identita` tieghu bl-istess indirizz tal-genituri tieghu (Ara Dok "A" hawn unit).*

4. *Salv risposta ulterjuri permessa mil-ligi."*

Semghet lir-rikorrenti bil-gurament;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet jitrattaw ir-rikors;

Rat li l-istess rikors gie differit ghal-lum ghal digriet finali.

**Ikkunsidrat:**

Illi r-rikorrenti pprocedew bir-rikors odjern ghaliex qeghdin isostnu li l-mobbli fid-dar fejn kellu jigi esegwit il-Mandat odjern, u cioe 13, Frank Mar, Triq Leonardu Abela, Tarxien, jappartjenu lilhom u mhux lil binhom Ephraim Bezzina u ghalhekk talbu lil din il-Qorti **tirrevoka l-esekuzzjoni tal-imsemmi Mandat fuq l-oggetti li jappartjenu lilhom**.

Min-naha l-ohra, l-intimat, qieghed jopponi li t-talba tar-rikorrenti tintlaqa' u ressaq kemm eccezzjonijiet ta' natura procedurali u kif ukoll eccezzjoni fil-mertu.

Illi fix-xhieda taghhom ir-rikorrenti bazikament ikkonfermaw illi l-oggetti kollha li hemm fid-dar fejn kellu jigi ezegwit il-Mandat odjern huma proprjeta` taghhom u li t-tifel taghhom, Ephraim Bezzina u debitur tal-intimat, ghalkemm ghandu impjieg, m'ghandu xejn mill-istess mobbli.

Ir-rikorrent Frankie Bezzina ikkonferma wkoll illi huwa ma halliex lill-ufficjali tal-Qorti jesegwixxu l-Mandat odjern meta huma marru fir-residenza tieghu.

Illi apparti l-eccezzjonijiet moghtija fir-risposta tieghu, waqt it-trattazzjoni, id-difensur tal-intimat irrileva li dan ir-rikors huwa wiehed intempestiv stante li lanqas ghadha biss saret l-esekuzzjoni tal-Mandat de quo. Illi da parti tieghu, id-difensur tar-rikorrenti, irrileva li din il-procedura saret biex jigu evitati disagi u spejjez zejda ghal kulhadd.

Illi mill-atti li din il-Qorti kellha quddiemha jirrizulta illi ghalkemm din il-Qorti diversament presjeduta fit-28 ta' Lulju 2014 tat ordni li ssir l-esekuzzjoni tal-Mandat de quo, anke jekk ikun hemm bzonn bl-assistenza tal-Pulizija Ezekuttiva, l-istess esekuzzjoni ma jirrizultax li saret.

Illi ghalhekk din il-Qorti taqbel perfettament mal-argument imressaq mid-difensur tal-intimat illi ladarba l-esekuzzjoni tal-Mandat de quo ghadha ma saritx allura r-rikorrenti ma jistghux jitolbu r-revoka tal-esekuzzjoni tieghu permezz tar-rikors odjern. Din il-Qorti ma tistghax tirrevoka esekuzzjoni li ghadha ma sehhitx.

Illi pero, apparti minn hekk, din il-Qorti thoss li ghandha titratta wkoll **it-tieni eccezzjoni tal-intimat** u cioe li r-rikorrenti ma segwewx il-procedura idonea biex jattakkaw l-esekuzzjoni tal-Mandat ta' Qbid in kwistjoni. Dan il-Qorti se taghmlu a skans ta' spejjez inutili futuri ghall-partijiet.

Illi mill-intestatura tar-rikors promutur innifsu jirrizulta illi r-rikorrenti qeghdin jaghmlu t-talba taghhom **ai termini tal-artikolu 281 tal-Kapitolu 12 tal-Ligjiet ta' Malta.**

Illi l-imsemmi artikolu jghid testwalment is-segwenti u cioe:-

*"(1) Mingħajr preġudizzju għal kull jedd ieħor taħt din il-liġi jew xi liġi oħra, persuna kontra min jinħareġ att eżekuttiv jew xi persuna oħra interessata, tista' tagħmel rikors li jkun fih is-sottomissjonijiet kollha li tista' tkun tixtieq tagħmel flimkien mad-dokumenti kollha li jsostnu r-rikors lil dik il-qorti li tkun ħarġet dak l-att* ***fejn titlob li l-att eżekuttiv jitħassar, sew għal kollox jew f'parti minnu biss,***[1] *għal raġuni valida skont il-liġi."*

Illi mit-talba kif kontenuta fir-rikors ipprezentat mir-rikorrenti jirrizulta illi dak li qeghdin jitolbu huwa li din il-Qorti ***"tirrevoka l-esekuzzjoni tal-imsemmi mandat fuq l-oggetti appartenti lilhom ai termini tal-ligi."***

Illi din il-Qorti tirrileva illi l-fatt li r-rikorrenti qeghdin isostnu li l-mobbli li jinsabu fid-dar taghhom ma humiex tad-debitur ezekutat, binhom Ephraim Bezzina, ma jista' jkollu l-ebda effett fuq is-siwi tal-Mandat innifsu, izda jista' biss ihalli effett fuq l-ezekuzzjoni tal-istess Mandat. Illi ghalhekk ir-rikorrenti ma setghux jinqdew bil-procedura ai termini tal-artikolu 281 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta li taghti lok biss lill-ezekutat jew lil persuna interessata li titlob li l-att ezekuttiv **jithassar *in toto* jew *in parte*** ghal raguni valida skont il-ligi, liema raguni ghalkemm il-ligi ma tispecifikahiex trid tkun intrisikament relatata mal-formalita` tal-Mandat innifsu u cioe kemm-il darba l-Mandat ikun inhareg minn Qorti zbaljata jew jekk ikun hemm xi difett fil-forma tieghu.[2]

Fil-fatt it-talba tar-rikorrenti hija ghal kollox differenti minn dik ta' thassir tal-Mandat Ezekuttiv.

Illi kif qalet il-Qorti fis-sentenza ***Bay Street Holdings Limited vs Walter Zammit Cachia u Nadia Joan Zammit***[3] *"Illi l-prattika stabilita, mbaghad, hi li min irid jattakka l-ezekuzzjoni ta' Mandat, irid jaghmel dan billi jmexxi bil-procedura normali mahsuba fil-ligi. Illum il-gurnata, din il-procedura hija azzjoni li tinbeda b'Rikors Mahluf.*[4] *Hawn ukoll, ir-rikors imressaq f'din il-kawza, mhux biss*

[1] Enfasi tal-Qorti
[2] Ara P.A. JRM 05.05.2005 fil-kawza ***Edward Pace vs Michael Sultana***
[3] P.A. JRM 07.04.2009
[4] Ara P.A. AJM 05.03.2001 fil-kawza ***Terranet Limited vs Linknet Limited et***

*m'huwiex wiehed mahluf, imma jonqos f'partjiet essenzjali tieghu mill-forma stabilita fl-artikolu 156 tal-Kodici tal-Procedura."*

Illi din il-Qorti tirrileva illi ghalkemm ir-rikors odjern huwa wiehed mahluf, jonqsu l-elementi l-ohra kollha li jirrikjedi l-artikolu 156 tal-Kodici ta' Procedura. Mhux hekk biss. Imma fl-istess rikors hemm car daqs il-kristall li r-rikors qed isir ai termini tal-artikolu 281 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi ghalhekk it-talba tar-rikorrenti ma setghetx tigi mressqa ai termini tal-artikolu 281 tal-Kodici ta' Procedura bl-att gudizzjarju kif intavolat minnhom.

Illi fid-dawl ta' dawn il-konkluzzjonijiet din il-Qorti mhux se tidhol fil-mertu tal-kwistjoni sabiex dan l-ezercizzju jkun jista' jsir, jekk ikun il-kaz, mill-Qorti li quddiemha semmai jitressaq l-att gudizzjarju opportun.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qieghdha taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-tieni eccezzjoni tal-intimat James Saliba u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tar-rikors.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

Moqrija

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------